- *RILAXX TA' MERKANZIJA –*
- *ORDINANZA TAD-DWANA; KAP 37. -*
- *ARTIKOLI 60 (K); 62 (H) (i) KAP 37 –*
- *ARTIKOLU 77 TAL-KAP 37 –*
- *MIN JALLEGA JRID JIPPROVA; ART. 562 TAL-KAP 12 –*
- *DETTO DEL DETTO -*
- *NOTA TA' QBID –*
- *LIS ALIBI PENDENS -*

# IL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 26 ta' Gunju 2002**

**Kawza Numru: 48**
**Citazzjoni Numru: 182/92/RCP**

**Joseph Ellul Sullivan bhala direttur ghan-nom u in rapprezentanza ta' Tessons Limited**

**vs**

**Kontrollur tad-Dwana**

**Il-Qorti,**

**<u>I. PRELIMINARI.</u>**

Rat ir-rikors tat-18 ta' Frar 1992 tal-istess Joseph Ellul Sullivan bhala direttur ghan-nom u in rapprezentanza ta' Tessons Limited a fol. 1 fejn gie premess:

Illi r-rikorrent *nomine* kien importa f'Malta kunsenja ta' *chopped ham in square tins* regolarment u skond licenzja lilu mahruga;

Illi sussegwentement l-intimat il-Kontrollur tad-Dwana b'nota ta' qbid numru 6/92 tas-17 ta' Jannar 1992 qabad l-istess merkanzija mill-poter tar-rikorrent *nomine* kif jidher fl-istess nota ta' qbid, kopja ta' liema qed tigi hawn esebita u markata Dokument "A", u dan billi skond kif hemm imnizzel fl-istess nota ta' qbid l-imsemmi oggetti kienu gew importati f'Malta bi ksur tal-**Artikolu 60 sub-Artikolu (k) u l-Artikolu 62 sub-Artikolu (h) u (i) tal-Ordinanza tad-Dwana Kap. 37**;

Illi fl-4 ta' Frar 1992 ir-rikorrenti *nomine* oggezzjona ghal dan il-qbid maghmul mill-intimat b'ittra registrata, kopja ta' liema qed tigi hawn esebita u mmarkata Dokument "B" u dan ghar-raqunijiet hemm imsemmija;

Illi r-rikorrent *nomine* kien importa l-istess merkanzija validament, regolarment u skond licenzja li kien hemm

tezisti favurih.

Illi ghalhekk huwa assolutament mhux minnu li b'xi mod kien hemm ksur tal-Artikoli tad-Dwana citata fin-nota ta' Qbid mill-intimat u ghalhekk dak il-Qbid sar irregolarment u ingustament billi l-importazzjoni f'Malta tal-fuq imsemmi oggetti kienet regolari u skond il-ligi. Ghalhekk ma kien hemm l-ebda evazjoni ta' dazju jew ksur tal-ligi jew tal-licenzja da parti tar-rikorrent *nomine* u dak li qed jigi allegat mill-intimat mhux minnu u mhux gustifikat.

Illi ghalkemm in-Nota ta' Qbid hawn fuq riferita hemm imsemmija kwantita ta' disa' mitt kaxxa *chopped ham* fil-fatt l-ammont effettivament maqbud mill-intimat huwa inqas u inkwantu l-intimat qieghed jippretendi li f'dik in-nota ta' qbid jaqbad merkanzija li effettivament ma gietx u ma hijiex fil-kontroll tieghu hija nulla u bla effett fi kwalsiasi kaz.

Illi ghaldaqstant ir-rikorrenti *nomine* umilment talab lil din l-Qorti sabiex joghgobha tordna u tikkundanna lill-intimat *nomine* sabiex jirrilaxxja l-merkanzija fuq indikata fin-nota ta' qbid hawn fuq imsemmija f'idejn l-istess rikorrent *nomine* u fi kwalsiasi kaz jiddikjara dik in-nota ta' qbid nulla u minghajr ebda effett legali in kwantu tirreferixxi ghall-oggetti li ma gewx maqbuda mill-istess intimat.

Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni tal-intimat ghas-subizzjoni.

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 2 sa 5 tal-process;

Rat il-verbal tal-11 ta' Marzu 1992.

Rat ir-rikors tal-Kontrollur tad-Dwana tas-17 ta' Marzu 1992 a fol. 11 u 12 tal-process fejn ta ragunijiet biex jiggustifika l-kontumacja tieghu u talab terminu biex ikun jista' jipprezenta risposta.

Rat id-digriet tal-Qorti tat-22 ta' Marzu 1992 fejn ordnat li dan ir-rikors u d-digriet jigu notifikati lill-kontro-parti b'erbat ijiem utili ghar-risposta.

Rat ir-risposta ta' Joseph Ellul Sullivan fejn sostna li l-Qorti ghandha tichad ir-rikors tal-Avukat Generali bl-ispejjez kontra tieghu.

Rat il-verbali tal-1 ta' April 1992; tal-5 ta' Gunju 1992 fejn xehed John Cauchi prodott mill-intimat in gustifikazzjoni tal-kontumacja; tas-6 ta' Novembru 1992 fejn xehed Louis Micallef; tal-4 ta' Frar 1993; tal-5 ta' Frar 1993; tat-28 ta' April 1993; tad-9 ta' Gunju 1993 fejn xehed Dr. Tony Degaetano ghall-Kontrollur tad-Dwana; tad-29 ta' Ottubru 1993.

Rat id-decizjoni ta' din il-Qorti diversament presjeduta tad-29 ta' Ottubru 1993 a fol. 40 sa 43 fejn laqghet it-talba tal-

intimat biex jigi permess lilu li jipprezenta r-risposta u ghalhekk il-kontumacja tal-intimat giet gustifikata.

Rat ir-risposta tal-Kontrollur tad-Dwana datata 8 ta' Novembru 1993 a fol. 44 tal-process fejn ecceppixxa li:-

(1) Illi preliminarjament, l-istess attur diga' fetah citazzjoni fejn qed jitlob ir-rifuzjoni fi flus tal-oggetti maqbuda (Citazz. 1193/92/AD) u issa b'rikors qed jitlob rilaxx tal-merkanzija, talba li ghaldaqstant wara l-istess citazzjoni, issa ma tistax tintalab;

(2) Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost illi l-licenzja mahruga lir-rikorrent kienet biex igibu l-oggetti in kwistjoni *"for catering purposes only";*

(3) Illi fil-fatt instab li dawn l-oggetti kienu qed jinbieghu regolarment fil-hwienet u ghaldaqstant kien qed isir ksur tal-licenzja tal-importazzjoni;

(4) Illi ghaldaqstant nqabdet il-parti tal-merkanzija li kienet ghadha ma hargitx mill-*istores* ta' l-istess ditta rikorrenti;

(5) Illi ghaldaqstant il-qbid kien regolari u t-talbiet tar-rikorrent kemm fuq il-fatti, kif ukoll fuq punti ta' ligi m'ghandhomx jintlaqghu bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti;

Rat il-lista tax-xhieda tal-intimat a fol. 45 tal-process.

Rat il-verbali tat-3 ta' Dicembru 1993; tat-18 ta' Frar 1994 fejn Dr. Tony Degaetano nforma lill-Qorti li r-rikorrent ipprezenta citazzjoni quddiem din il-Qorti diversament presjeduta li tincidi fuq il-meritu ta' dan ir-rikors u ghaldaqstant dan ir-rikors jenhtieg li jistenna l-ezitu ta' din il-kawza; tal-4 ta' Mejju 1994; tal-14 ta' Ottubru 1994; tal-11 ta' Jannar 1995; tal-10 ta' Mejju 1995 fejn ir-rikors baqa' jigi differit jistenna ezitu ta' proceduri kriminali pendenti kontra r-rikorrenti; tal-24 ta' Novembru 1995. Dr. Anthony Dimech in rapprezentenza tal-intimat informa lill-Qorti li l-proceduri kriminali kontra r-rikorrenti ntemmu. Ir-rikors gie differit ghall-provi tar-rikorrenti; tat-3 ta' Mejju 1996 fejn xehed ir-rikorrenti minn jeddu; tal-15 ta' Novembru 1996 fejn rega' xehed ir-rikorrenti. Dr. Cefai ddikjara li m'ghandux provi aktar hlief li jipproduci xi dokument; tat-23 ta' April 1997; tas-26 ta' Novembru 1997; tad-29 ta' April 1998; tat-23 ta' Novembru 1998 fejn xehdu d-Direttur tal-Agrikoltura Franco Serracino Inglott u John Muscat; tal-24 ta' Frar 1999; tat-22 ta' Ottubru 1999 fejn il-Qorti laqghat it-talba ta' Dr. Marvic Abdilla biex sa fejn hu possibbli tipproduci l-provi tal-intimat bil-procedura tal-affidavit; tal-31 ta' Jannar 2000 fejn fuq talba ta' Dr. Abdilla l-Qorti estendiet iz-zmien ghall-prezentata ta' dawn l-affidavits; tal-24 ta' Mejju 2000 fejn ir-rikors gie differit biex ikompli jinstema' minn din il-Qorti kif prezentament presjeduta.

Rat in-nota tal-11 ta' Ottubru 2000 tal-intimat li biha pprezenta l-affidavit ta' Dr. Anthony Gruppetta, u n-nota

sussegwenti tar-rikorrenti li biha rriservaw il-kontro-ezami tal-istess xhud moghtija permezz ta' affidavits.

Rat il-verbali tat-12 Ottubru 2000 fejn inghata digriet tal-affidavits tal-intimat. Giet nominata l-Assistent Gudizzjarju Dr. Veronica Galea Debono biex tisma' l-provi tal-intimat.

Rat is-seduti mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju minn fol. 110 sa 116 tal-process.

Rat il-verbali tal-31 ta' Jannar 2001 fejn Dr. Marvic Abdilla nfurmat lill-Qorti li l-provi gew konkluzi u talbet li jsiru noti ta' osservazzjonijiet. Il-Qorti laqghet it-talba u pprefiggiet terminu ta' 40 gurnata lill-intimat ghall-prezentata tan-nota ta' osservazzjonijiet tieghu bin-notifika lid-difensur tal-kontro-parti li jkollu l-istess terminu biex jirrispondi; tat-22 ta' Mejju 2001; tal-5 ta' Lulju 2001; tas-27 ta' Novembru 2001 fejn il-Qorti pprefiggiet terminu iehor ta' 40 jum lir-rikorrenti biex jipprezenta n-nota ta' osservazzjonijiet bil-visto/notifika lid-difensur tal-kontro-parti li jkollu l-istess zmien biex jirrispondi. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-21 ta' Marzu 2002 u regghet thalliet ghad-29 ta' Mejju 2002 ghas-sentenza.

Rat il-verbal tas-seduta tad-29 ta' Mejju 2002 fejn il-kawza baqghet differita ghas-sentenza ghall-lum.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi r-rikorrenti qed jitlob li jinghata lura l-merkanzija li giet maqbuda minghandu permezz tan-Nota ta' Qbid datata 17 ta' Jannar 1992, *stante* li huwa qed jallega li l-merkanzija hemm indikata konsistenti f'laned ta' *chopped ham in square tins* gew importati regolarment u bil-licenzji relattivi u bid-dazzju dovut imhallas u ghalhekk l-istess nota ta' qbid sar irregolarment.

Illi wiehed jinnota li b'verbal tat-3 ta' Mejju 1996 Dr. Renato Cefai ghar-rikorrenti ddikjara li *"it-talba ghall-konsenja tal-merkanzija qeghda tigi limitata ghall-erbgha u ghoxrin kaxxa li gew fizikament maqbuda u li taghhom id-dipartiment tad-dwana rrelaxxja rcevuta fl-4 ta' Novembru 1991 li kopja taghha tinsab esebita bhala Dok. "FGC 1"",* u ghalhekk it-talba tar-rikorrenti hija ridotta u relattiva biss ghall-istess ammont ta' kaxxi.

Illi **Joseph Ellul Sullivan** xehed fit-3 ta' Mejju 1996 l-istess merkanzija giet importata regolarment skond Duty Entry esebita bhala Dok. "JC" a fol. 65 tal-process u kien hemm *container* shih li gie kollu mibjugh hlief ghal 24 kaxxa mertu ta' din il-procedura, kull kartuna jkollha 6 laned ta' 6 libbri il-wiehed, kif jirrizulta mid-dokument Dok. "FGC 1" a fol. 66 tal-process u dan *nonostante* l-fatt li n-Nota ta' Qbid (fol. 5)

harget fuq 900 kaxxa, *stante* li l-kaxxi l-ohra inbieghu lill-klijenti taghhom.

Illi l-istess rikorrenti kompla sostna li fil-proceduri kriminali huma gew illiberati, u dan *stante* li skond rapport tekniku minn espert imqabbad mill-Qorti tali prodott kien jikkwalifika bhala *chopped ham,* ghaliex kien jikkonsisti f'chopped ham ippressat fil-landi.

Illi skond l-istess *duty entry* jidher li tali merkanzija giet importata *"for catering use only"* u skond huwa din il-merkanzija kellha tigi mibjugha lill-*catering establishments* bhal lukandi u *restaurants* kif fil-fatt sar. Id-dokument "FGC2" (fol. 68) hija kopja tal-applikazzjoni sabiex jithallas id-dazzju, liema dazzju fil-fatt thallas. Giet esebita wkoll ir-ricevuta relattiva ghall-istess merkanzija mmarkata bhala Dok. "RC1" a fol. 78 tal-process minghand *Meatex* u l-prodott huwa indikat bhala *chopped ham* liema invoice hija datata 7 ta' Ottubru 1991.

Illi in kontro-ezami fil-15 ta' Novembru 1996 sostna li meta gew tad-dwana huwa wriehom fejn inhatt il-*container* u fil-post sabu 24 kaxxa biss, u dan kien it-tieni darba li gew peress li l-ewwel darba kienu talbu d-dokumenti biss li ovvjament inghatawlhom. Din kienet l-ewwel licenzja ghall-*chopped ham.*

Illi **Franco Serracino Inglott** xehed fit-23 ta' Novembru 1998 bhala Direttur tal-Agrikoltura u sostna li kien gie

ghandu certu John Muscat b'*sample* ta' *chopped ham* u talab analizzazzjoni tal-istess minhabba li f'dak iz-zmien il-*policy* kienet li tigi prodotta l-produzzjoni tal-majjal u allura l-importazzjoni ta' perzut kienet skorragita, u kompla jghid li mill-analizi li ghamel id-dipartiment irrizulta li l-prodott ma kien *chopped ham* xejn izda perzut u l-bicciet kienu akbar minn dawk stabbiliti fil-*codes*. Illum *chopped ham* huwa permess. L-ezami sar minnu u minn Dr. Anthony Grupetta u baghtuh id-dwana.

Illi **John Muscat** bhala rapprezentant ta' tad-ditta *Prime Bacon* fl-istess data tat-23 ta' Novembru 1998 sostna li kien ha *sample* tal-istess prodott u hadhu ghand id-Dipartiment tal-Agrikoltura sabiex issir analazi tieghu u ma jafx l-ezitu tieghu.

Illi **Dr. Anthony Grupetta** b'affidavit tieghu datat 19 ta' Mejju 2000 sostna li f'dak iz-zmien kienet permessa biss importazzjoni ta' prodott tal-majjal fil-kazi biss meta l-prodott ma kienx jista' jigi mahdum lokalment jew fil-kaz meta ma jkunx hemm produzzjoni bizzejjed tal-istess prodott. *Chopped ham jew pork* setgha ghalhekk jigi mportat, fil-waqt li prodotti ohra bhal perzut inkluzi perzut tal-ghadma, *prosciutto crudo, pressed ham u chopped ham* ma kienux jithallew jidhlu.

Illi d-daqs tal-prodott kien jikkwalifika jekk dan jigix klassifikat bhala *luncheon meat, chopped ham and pork* jew *chopped ham*; id-differenza bejn *chopped ham* u

*pressed ham* tinsab fl-ammont tal-bazi ta' amorfa li tghaqqad il-bicciet ta' muskolu flimkien, u fid-daqs ta' dawn il-bicciet ta' muskolu li jkun pressati flimkien.

Illi dwar dan il-kampjun li ngieb minn John Muscat tal-*Prime Bacon* kif fuq spjegat fejn dan allega li dan kien qed jinbieh fil-hwienet minflok perzut lokali; skond ix-xhud il-bicciet ta' dan il-kampjun kienu kbar u allura l-klassifikazzjoni tieghu ma kenitx ta' *chopped ham*, izda ta' pressed ham u dan skond il-klassifikazzjoni ta' Alimentarius tal-WHO u FAO. Ghab-bazi ta' dan l-prodott ma setghax jigi mportat Malta f'dak iz-zmien. Il-prodott kien mill-Belgju u d-data tal-produzzjoni tieghu kienet 4 ta' Ottubru 1991 u tal-iskadenza dik tal-4 ta' Ottubru 1992.

Illi ghalhekk huma talbu lid-Dwana biex tagixxi *stante* li dak il-prodott ma kienx kif dikjarat fil-*customs entry* ghaliex ma kienx *chopped ham* izda *pressed ham.* Hadu hames laned ufficjalment minghand id-Dwana u sar ezami iehor fuqu u fil-fatt ir-rizultat ta' dan kkonferma l-ewwel ezami.

Illi **Joseph Pirotta** fl-affidavit tieghu tal-11 ta' Ottubru 2000 kkonferma in sustanza x-xhieda ta' Dr. Anthony Grupetta u li mill-ezamijiet li saru instab li fil-fatt il-prodott kien ikklassifikat hazin u ma kienx *chopped ham* skond H.S. Code 1602.41, izda *pressed ham* li l-importazzjoni tieghu kienet ristretta. Illi l-istess xhud sostna li dan in-nurmu jidher li gie mibdul mill-importatur *stante* li ghall-ewwel kien indikat bil-Code 1602.49, imbaghad irrangat ghal Code

1602.41.00. Fil-licenzja ta' importazzjoni nurmu 002430 mahruga fit-23 ta' Lulju 1991 dan kien inhareg taht Code 1602.49.20.

Illi l-istess xhud ghalaq ix-xhieda tieghu hekk:

*"Fuq il-kampjun moghti lilna mid-Dwana ahna ghamilna t-testijiet u rrizulta li dan il-prodott kien perzut mhux chopped ham. Ghaldaqstant irrizulta li l-prodott li kellna quddiemna ma kienx konformi la mal-licenzja ta' importazzjoni u lanqas mal-customs entry. Jiena ghan-nom tad-Direttur tal-Agrikoltura tajt struzzjonijiet biex il-prodott jingabar u ma jinbieghx".*

Illi fis-seduta tal-10 ta' Jannar 2001 ghand l-Assistent Gudizzjarju Alfred Agius ghan-nom tad-Dwana esebixxa id-dokument "KD1" li huwa estratt tal-*Codex Alimentarius* rigward *chopped ham.*

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li skond in-Nota ta' Qbid datata 17 ta' Jannar 1992 sar qbid tal-oggetti ndikati mill-intimat fl-istess Nota ta' Qbid, esebita bhala Dok. "A" a fol. 5 tal-process ta' *"*900 *cartons chopped ham in square tins 6 x 6 lbs"* fejn hemm indikat li l-ammont ta' dazju kien ta' Lm147 u thallas permezz ta' Duty Entry No. 02110137 datat 22 ta' Ottubru 1991 u dan ghaliex *"tali oggetti gew importati f' Malta bi ksur tal-**Artikolu 60 sub-Artikolu (k) u l-Artikolu 62 sub-Artikolu (h) u (i) tal-Ordinanza tad-Dwana Kap. 37**".*

Illi l-**artikolu 60 (k) tal-Kap 37** jipprovdi li:-

*"Bla hsara ta' dak li jinghad espressament b'ligijiet ohra –*

*(k) jekk oggetti jkunu mportati minn xi persuna li tkun xjentament imdahhla f'xi evazjoni jew tentattiv ta' evizjoni frawdolenti ta' xi dazji tad-dwana, jew tal-ligijiet u restrizzjonijiet ta' dwana, dwar l-importazzjoni, hatt, trasbord, zbark u kunsinna ta' oggetti jew b'kull mod iehor li jmur kontra l-Ordinanza,*

*f'kull kaz bhal dan, l-oggetti hawn fuq imsemmija ghandhom jigu kkonfiskati, flimkien ma' l-oggetti l-ohra kollha li jkunu jinsabu ppakkjati maghhom, jew li jkunu gew uzati biex jahbuhom".*

Illi l-**artikolu 62 (h) u (i) tal-Kap 37** jipprovdi *invece* li:-

*"Kull min b'kontravenzjoni ta' din l-Ordinanza –*

*(h) xjentement ikollu b'xi mod x'jaqsam fil-garr, twarrib, depozt jew habi ta' dawn l-oggetti jew filli b'xi mod jiddisponi minn dan l-oggetti, bil-hsieb li jiffroda lill-Gvern minn dazju li jkun imiss jithallas fuqhom, jew biex jehles minn xi produzzjoni jew limitazzjoni dwar dawn l-oggetti jew li tkun tghodd ghalihom; jew*

*(i) xjentement ikollu b'xi mod x'jaqsam, filli bil-qerq*

*jinharab jew jigi attentat li jinhareb xi dazju tad-dwana, jew xi ligi jew limitazzjoni tad-dwana, dwar l-importazzjoni, il-hatt, it-trasbord, l-izbark u l-kunsinna ta' oggetti, jew xi disposizzjoni ohra ta' din l-Ordinanza;*

*jehel ghal kull wiehed……....".*

Illi l-Qorti tinnota wkoll li din il-procedura saret abbazi tal-**artikolu 73 tal-Kap 37** li *inter alia* jipprovdi li:-

*(2) Ir-rikors ghandu, taht piena ta' nullita', jghib b'mod car u fil-qosor ix-xorta tal-ilment, il-fatti li minnhom jinqala' l-ilment, ir-ragunijiet ghaliex dak l-ilment ghandu jintlaqa', u t-talba ghall-helsien ta' l-oggetti maqbuda.*

*(6) Il-Kontrollur tad-Dwana ghandu fir-risposta tieghu, ighid b'mod car u fil-qosor jekk jaqbilx mal-fatti murija fir-rikors, u r-ragunijiet ghaliex joggezzjona ghat-talba; huwa ghandu wkoll jaghti fir-risposta tieghu l-ismijiet tax-xhieda b'sustenn ghar-ragunijiet tieghu u ghandu jehmez maghha dokumenti kollha b'sustenn ta' dan.*

Illi l-**artikolu 77** jipprovdi li:-

*Jekk meta jigu mitluba lura l-oggetti maqbuda minhabba nuqqas ta' hlas ta' dazju, jew ghal raguni ohra li ggib maghha l-konfiska jew inkella fi procediment ghall-gbir ta' xi piena ta' flus jew xort'ohra skond din l-Ordinanza tinqala' kwistjoni dwar jekk id-dazju li jmiss fuq dawk l-oggetti kienx*

*gie mhallas, jew jekk dawk l-oggetti kienux gew importati jew trasburdati jew zbarkati skond il-ligi, jew dwar il-lok minn fejn gew dawk l-oggetti, f'kull wiehed minn dawn il-kazijiet il-prova tmiss lill-persuna li taghmel dik it-talba jew lill-imputat li kontra tieghu jsir dak il-procediment, skond il-kaz".*

Illi ghalhekk abbazi ta' dawn id-diposizzjonijiet tal-ligi jidher li r-rikorrenti qed isostni li tali merkanzija giet importata minnu regolarment skond il-licenzja li kienet tezisti favorih u ma kien hemm ebda ksur minnu tal-artikoli citati fl-istess Nota ta' Qbid, u ghalhekk l-importazzjoni kienet skond il-ligi u ma kien hemm ebda ksur ta' ligi ghall-evazjoni ta' dazju jew ksur ta' xi ligi jew licenzja kif allegat erronjament mill-intimat.

Illi mid-*Duty Entry* tad-Dwana datata 18 ta' Ottubru 1991 jidher li l-*container* shih konsistenti f'*"600 cartons to be destuffed at the Tal Handaq Road, Qormi" skond Kodici H.S. 1602.41.00* gew rilaxxati mid-Dwana fit-23 ta' Ottubru 1991 (a tergo tal-istess dokument)" u dan skond licenzja numru 062430 datata 23 ta' Lulju 1991 a fol. 68 tal-process u dan skond *invoice* datata 7 ta' Ottubru 1991 esebita bhala Dok. "RC1" a fol. 78 tal-process.

Illi minn dawn id-dokumenti jidher li kollox sar regolari, izda wara li gew rilaxxati l-istess prodotti, fl-4 ta' Novembru 1991 gew maqbuda mill-mahzen tas-socjeta' rikorrenti 24 kartuna b*' "by 6 internals by 6 lbs each chopped ham*

*product of Belgium”,* (Dok. “FC1”) u dan wara *entry* fuq id-*Duty Entry* tad-Dwana (Dok. “JC 380” a fol. 65) minn Joseph A. Pirotta datata l-1 ta’ Novembru 1991 li tghid li *“not approved for release”.*

Illi ovvjament jidher li dan l-ahhar notament sar wara li l-merkanzija kienet gja rilaxxata u wkoll wara li l-istess merkanzija giet *destuffed* fl-imhazen tas-socjeta’ rikorrenti u anke inbieghet bil-maggior parti taghha lill-klijenti tal-istess socjeta’ rikorrenti, tant li kienu biss 24 kartuna minnhom li gew maqbuda mill-istess intimat.

Illi dan juri, kif *di piu’* verbalizzat mid-difensur tal-rikorrenti Dr. Renato Cefai fis-seduta tat-3 ta’ Mejju 1996 iddikjara li *“it-talba ghall-konsenja tal-merkanzija qeghda tigi limitata ghall-erbgha u ghoxrin kaxxa li gew fizikament maqbuda u li taghhom id-dipartiment tad-dwana rrilaxxja rcevuta fl-4 ta’ Novembru 1991 li kopja taghha tinsab esebita bhala Dok. “FGC 1””,* u ghalhekk it-talba tar-rikorrenti hija ridotta u relattiva biss ghall-istess ammont ta’ kaxxi.

Illi dan ifisser ukoll li Nota ta’ Qbid li tindika 600 kartuna hija manifestament zbaljata, kif *di piu* jirrizulta mid-dokumenti gja fuq citat esebit bhala Dok. “FGC1” li jikkonferma li fil-fatt kull ma nqabdu mill-istess intimat kienu proprju 24 kaxxa biss. Dan fil-fatt gie rilevat mill-istess rikorrenti u taht dan l-aspett jidher li ghandu ragun, peress li mhux minnu li inqabdu l-kwantita’ ta’ *cartons* indikati fl-istess Nota ta’ Qbid u ghalhekk fir-rigward tal-kartun in eccess tal-ammont

effettivament maqbud mill-intimat, tali Nota ta' Qbid hija nulla u bla effett, *stante* li l-intimat qatt ma gie u qatt ma ha pussess tal-istess *cartons.*

Illi hawn wiehed ihares lejn ir-risposta tal-intimati u din tinsab a fol. 44 tal-process, l-eccezzjoni hemm sollevata hija fis-sens li l-licenzja li nharget sabiex jingiebu tali oggetti mportati mir-rikorrenti harget biss soggetta li tali oggetti kellhom ikunu *"for catering purposes only".*

Illi fil-fatt jirrizulta mid-Duty Entry – Dok. "JC 3-80" a fol. 65 tal-process, u ezattament *a tergo* tieghu li hemm intestat fuqu li l-permess inghata *"for catering use" only*, pero' min-naha l-ohra l-istess intimat ma gab l-ebda prova f'dawn il-proceduri li fil-fatt s-socjeta' rikorrenti ma ghamlitx uzu mill-istess prodott skond kif indikat fl-istess permess, anzi jista' jinghad li dwar dan il-punt l-istess intimat ma gab assulutament prova ta' xejn.

Illi fil-fatt l-unika riferenza li hemm fix-xhieda dwar din il-kondizzjoni li abbazi taghha jidher li dahlet il-merkanzija *de quo* bil-permess relattiv hija dik tar-rikorrenti li sostna li l-istess merkanzija giet mibjugha lill-*catering establishments* bhal lukandi *restaurants* u ohrajn.

Illi din l-asserzzjoni ma giet bl-ebda mod kontradetta bi provi precizi u diretti mill-intimat, anzi kif inghad ma hemm l-ebda accenn ghall-istess. L-unika xhieda li hemm relattiva ghal din il-kwistjoni kienet ix-xhieda ta' Dr. Anthony

Grupetta u ta' Joseph Pirotta mid-Dipartiment tal-Agrikoltura li xehdu li *sample* minn din il-merkanzija inghatat lilhom minn certu John Muscat tad-ditta *Prime Bacon* li allega maghhom li tali prodott kien qed jinbiegh mill-hwienet.

Illi din hija *hearsay evidence* jew *'detto del detto'* u bhala tali lanqas tikkwalifika bhala prova u dan skond id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 599 tal-Kap 12,** u fil-fatt ma jidhirx li f'dan il-kaz jezistu r-rekwisiti stabbiliti fl-istess artikolu sabiex tali tip ta' xhieda tista' tigi ammessa, iktar u iktar meta almenu l-istess John Muscat jew kwalunkwe xhud iehor li jista' jipprova xjenza proprja dan l-allegat fatt mill-intimat lanqas giet biss prodotta quddiem din il-Qorti, u ghalhekk dan in-nuqqas *da parte* tal-intimat huwa fatali ghat-tezi tieghu, *stante* li l-allegazzjoni minnu vantata jirrizulta li ma giet bl-ebda mod vantata. Jinghad li dan kollu huwa kkonsidrat anke taht ir-regola stabbilita fl-**artikolu 560 tal-Kap 12** li jipprovdi li l-parti ghandha iggib l-ahjar prova sabiex issostni l-allegazzjonijiet taghha, u f'dan il-kaz l-intimat dan naqqas li jaghmlu, ghalkemm ma kellu l-ebda ostakolu sabiex jaghmel dan.

Illi dan qed jinghad anke fid-dawl ta' dak li hemm provdut fl-**artikolu 77 tal-Kap 37** li jpoggu l-oneru ta' prova fuq il-persuna li tkun ghamlet l-allegazzjoni, f'dan il-kaz li l-oggetti *de quo* importati ma giex utillizzati ghal skopijiet ta' *catering,* u dan ma huwa xejn hlief applikazzjoni tal-

principju generali tal-ligi f'materja ta' procedura li min jallega jrid jipprova sancit anke fl-**artikolu 562 tal-Kap 12.**

Illi tenut kont tal-fatt li din hija l-unika eccezzjoni li ngabet mill-istess intimat fir-risposta tieghu, isegwi ghalhekk li minhabba dak premess din id-difiza ma tistax tirnexxi peress li ma giet bl-ebda mod ipprovata; mhux biss izda jidher li dak allegat li sar mis-socjeta' rikorrenti kontra d-disposizzjonijiet tal-**artikoli 60 (k) u 62 (h) u (i) tal-Kap 37** lanqas gew ippruvati *stante* li ma jirrizultax li hemm minimu ta' prova li r-rikorrenti *xjentement* ipprova jimporta oggetti li l-importazzjoni kienet ristretta jew limitata jew li b'xi mod ipprova jevadi d-dazju, anzi ma jidhirx kontestat li tali dazju thallas kif suppost.

Illi f'din il-kawza ingabhet ix-xhieda ta' ufficjali tad-Dipartiment tal-Agrikoltura sabiex jghidu li l-merkanzija *de quo* giet klassifikata hazin stante li l-prodott ma kienx jikkonsisti f'*chopped ham jew pork* kif minnu ndikat izda biss *pressed ham* li l-importazzjoni tieghu kienet projbita; pero' apparti l-fatt li dan lanqas biss huwa imsemmi fir-risposta tal-intimat, jidher ukoll li r-rizultati tal-istess allegati analazi ma gew lanqas esebiti, kif lanqas ingabet il-prova li s-*samples* li l-istess dipartiment hadem fuqhom kienu provenjenti mill-merkanzija maqbuda minghand l-istess rikorrenti.

Illi f'dan il-kuntest jinghad li l-intimat ma ressaq ebda prova li l-ufficjali tad-dwana ghaddew xi merkanzija jew parti

minnha lill-istess ufficjali tad-Dipartiment tal-Agrikoltura, u fil-fatt mill-atti processwali ma jidhirx li xi ufficjal tad-Dwana xehed f'din il-kawza u fuq il-mertu tal-istess; lanqas jirrizulta li gie prodott John Muscat li allegatament ha l-ewwel darba *sample* tal-istess merkanzija minn hanut; lanqas gew prodotti l-*codes* li abbazi taghhom saru l-klassifikazzjonijiet indikati fix-xhieda tal-istess rapprezentanti, ghaliex kull ma gie esebit kien biss estrat mill-*Codex Alimentarius* bhala Dok. "KD 1" li certament ma huwiex sufficjenti sabiex jipprova l-allegazzjonijiet tal-intimat in konnessjoni mal-istess prodott.

Illi fl-ahharnett l-ewwel eccezzjoni tal-istess intimat, fejn qed isostni li saret kawza mill-istess kontra tieghu ghall-valur tal-istess prodott, ma hija ta' ebda ostakolu ghad-decizjoni fuq din il-pendenza *stante* li din ma tikkostitwix *litis pendentia ai termini* tal-ligi, *stante* li *inter alia* t-talbiet huma differenti.

Illi ghalhekk fid-dawl tal-premess jirrizulta li t-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu milqugha, u r-risposta tal-intimat michuda.

**III. KONKLUZJONI**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad ir-risposta tal-intimat tat-8 ta' Novembru 1993, **tilqa' t-talba tar-rikorrenti fir-rikors tieghu tat-18 ta' Frar 1992,** b'dan illi:-

(1) tordna u tikkundanna lil-intimat *nomine* sabiex jirrilaxxja l-merkanzija effettivament maqbuda fin-Nota ta' Qbid Numru 6/92 tas-17 ta' Jannar 1992 konsistenti f'erbgha u ghoxrin (24) kartuna *"by 6 internals by 6 lbs each chopped ham product of Belgium",* (Dok. "FC1") u fuq indikati f'idejn l-istess rikorrent *nomine* u fil-waqt li tiddikjara li dik l-istess Nota ta' Qbid hija nulla u minghajr ebda effett legali in kwantu tirreferixxi ghall-oggetti li ma gewx maqbuda mill-istess intimat u hemm erronjament indikati.

Bl-ispejjez kontra l-intimat.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**26 ta' Gunju 2002**

**Mario Debono**
**Deputat Registratur**
**26 ta' Gunju 2002**